# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

NOV. u DIĊ. 1934] IR-RABA' SENA [Ghadd 45-46

## BIEX NIMXU AĦJAR

Kull tibdil fil-ħajja ta' poplu, kull tidħil ta' drawwiet ġodda, ta' fehmiet ġodda, ta' liġijiet ġodda aktarx li fil-bidu jġib dejjem xi taqlib; u akbar ikun it-taqlib anqas ma jkun imħejji l-poplu għal dak it-tibdil. X'uħud, marbutin u mjassrin ma' fehmiet qodma, jfixklu kull tiġdid; oħrajn, li jimxu maż-żmenijiet, ħelsin minn kull xkiel, mhux dejjem jaqblu bejniethom kif l-aħjar idaħħlu u jaħdmu dak it-tibdil, biex aktar iseħħ u aktar iżomm.

Il-lsien Malti ġieb fostna tibdila kbira, tibdila li mill-ħajja u mill-ħteġiet tad-dar għollietu u daħħlitu fil-ħajja u fit-tmexxija tal-pajjiż. Daħal il-Malti fl-iskejjel, u daħal b'libsa li qatt ma kien libisha qabel, daħal fl-eżamijiet taċ-ċivil, fejn qatt ma kien daħal, daħal fil-Qorti qalb l-eħrex għedewwa tiegħu. U dil-ħajja ġdida tal-lsien Malti; li għadha fil-bidu tagħha, jaħteġilha, biex aktar tissaħħaħ, kotra ta' żgħażagħ imħarrġin tajjeb fit-tagħlim tal-Malti biex jistgħu jidħlu għax-xogħol il-ġdid fit-tmexxija tal-pajjiż.

U dan it-taħriġ ma jsirx f'siegħa. Ma trawwamx kif ġieb u laħaq żagħżugħ li jkun jista' jidħol għax-xogħol ta' kitba bil-Malti fil-Qorti jew f'xi fergħa oħra tal ħedma u tal-ħajja tal-Gvern. U anqas mhu xogħol ta' siegħa t-taqsim ta' programmi ta' tagħlim li jmexxu u jwasslu

t-tifel mill-iżgħar klassi sal-ogħla post li jista jilħaq. Iżidu wkoll li l-Malti għad ma għandux dik il-ħeffa li għandhom ilsna oħra li tista' ddawwarhom u tħaddimhom kif trid u għal fejn trid. Dawk il-ħteġiet kollha li s'issa nqdew dejjem b'ilsna barranin ma jistgħux illum jinqdew bil-Malti mingħajr ħsieb kbir u reqqa kbira u tiftix u tgħarbil ta' kliem u ta' rbit ta' kliem.

Dan kollu tfixkil li jista' joħroġ barra mit-triq il-mixi tal-Malti. Tassew li s'issa dawk li għandhom f'idejhom it-tmexxija tal-pajjiż għamlu dejjem dmirhom kollu u ħilithom kollha biex idawwru r-roti fit-triq it-tajjba. Iżda sakemm it-triq titwitta għal kollox u titnaddaf minn kull laqxa, l-biża' ta' xi tfixkila, ta' xi tagħwiġa, ta' xi tiġrifa jibqa' dejjem, u biex innaqqsu dan il-biża' aħna nixtiequ li l-Gvern iwaqqaf Kumitat żgħir minn nies l-aktar magħrufin għall-ħila tagħhom fil-Malti biex jagħtu l-parir tagħhom f'kull ħaġa li tmiss il Malti, bħalma huma programmi u kotba tal-iskejjel, eżamijiet, dħul ta' impjegati ġodda fil-Qorti u ħwejjeġ oħra bħal dawn li fihom jidħol il-Malti. Il-Kumitat ma jkollu l-ebda setgħa li jindaħal fit-tmexxija tal-Gvern, iżda li juri biss il-fehma tiegħu, bħal wieħed li jimxi bid-dawl f'idu quddiem karozza biex inneħħi ż-żrar min-nofs jew jurih bid-dawl jekk ma jistâx ineħħih.

Hekk jidhrilna li jimxi aħjar il-Malti u jkollhom għajnuna kbira dawk li għandhom fi ħsiebhom u fuq daharhom it-tmexxija tal-pajjiż u l-ġid tal-Maltin.